Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja 2022

It-Tieni Sessjoni

Il-Malti: Il-Kitba

Il-Marki: 30 marka

Il-Ħin: 60 minuta

A. Il-kitba ta' riklam (10 marki)

Int mitlub/a tikteb riklam ta' **bejn 50 u 60 kelma.**

Agħżel bejn **Riklam 1** jew **Riklam 2.**

1. Int ġejt mitlub/a tagħmel riklam wara li ivvintajt skuter li jaħdem b'enerġija nadifa. Ikteb riklam biex tħeġġeġ lill-konsumaturi jixtruh.

JEW

2. Int ġejt mitlub/a tagħmel riklam wara li ħloqt sapuna maġika. Ikteb riklam biex tħeġġeġ lill-konsumaturi jixtruha.

Dawn huma xi ideat li jistgħu jgħinuk:

- Xi slowgan se tuża biex tiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi?
- Iddeskrivi l-oġġett li qed tirriklama.
- Min jista' jużah u kif?
- Minn fejn jistgħu jakkwistawh?

Fil-linji t'hawn taħt ikteb ir-riklam.

Riklam _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

B. Il-kitba ta' rakkont (20 marka)

Int mitlub/a tikteb rakkont ta' **bejn 140 u 200 kelma**.

Agħżel rakkont **numru 1** jew rakkont **numru 2**.

1. Ikteb rakkont dwar meta kont se tmur ġurnata l-baħar imma għamel il-maltemp.

JEW

2. Ikteb rakkont dwar meta ltqajt ma' personaġġ famuż.

Dawn il-punti jistgħu jgħinuk:

- X'ġara dakinhar?
- X'għamilt?
- Kif ħassejtek?
- Kif spiċċa r-rakkont?

Il-pjan tal-kitba (2 marki)

Agħmel **il-pjan** tal-kitba fuq ir-rakkont li għażilt.

Rakkont _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

Ir-rakkont li għażilt (18-il marka)

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb ir-rakkont li għażilt.

Il-kitba għandha tkun **bejn 140 u 200 kelma**.

Rakkont _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

Tmiem il-karta